
F'din il-gwida qasira, intom għandkom issibu l-informazzjoni bżonnjuża kollha li għandkom bżonn biex tkunu tafu x'qiegħed jiġri fl-Agora.
Nispera li tkun ta' użu għalikom u li tkunu preparati biżżejjed biex tkunu tafu x'qiegħed jiġri.
Narawkom

# INTRODUCTION



## F L-Agora

Biex nibdew l-Agora hija l-ikbar laqgħa li jkollha l-AEGEE. Immaġina għandek kumpanija, u ħa jiltaqgħu s-sharholders biex jitkellmu fuq il-futur tal-kumpanija u jagħżlu min ħa jmexxiha u jieħu ħsiebha, dik hi l-Agora.

L-għan tal-Agora hu biex bħala membri niltaqgħu, niddiskutu, naraw x'qiegħed issir minn naħa tal-bord eżekuttiv, napprovaw dak ix-xogħol u nagħtu suġġerimenti għall-futur tal-AEGEE.

Isiru żewġ Agoras fis-sena; waħda fir-rebbiegħa u l-oħra fil-ħarifa. F'dawn l-Agoras jseħħ bħall-forum fejn jiġu diskussi proposti fuq l-AEGEE, kif qiegħda taħdem u kif għandha timxi fil-futur.





By Rob & Alberto

# STRUCTURE



## L-Istruttura tal-Agora

Agora tkun fuq tlett ijiem. Dawn huma tlett ijiem intensivi. Ejja naraw is-sezzjonijiet differenti u x'jiġri  waqt kull sezzjoni.

### Plenarja

Dawn huma l-aktar laqghat komuni. L-għan tagħhom hu li fil-preżenza tal-membri ta' Agora jiġu preżentati rapporti, proposti u kandidaturi. Voti jiġu meħuda waqt il-plenarji għalhekk huwa importanti li ġġibu magħkom  il-karti tal-voti f'kull sezzjoni. F'xi preżentazzjonijiet  tkunu tistgħu isaqsu xi mistoqsijiet. Huwa importanti  li meta tagħmel dan tintroduċi lilek innifsek billi tgħid l-isem u l-post minn fejn inti sabiex is-Segretarju/a jkun jista' jniżżilhom fil-minuti tal-laqgħa.

### Prytania

Ovjament li tiddiskuti il-proposti mal-membri kollha ta' l-Agora waqt plenarja tista' tkun ikkumplikata u tieħu ħafna ħin. B'hekk inħolqot Prytania. Prytania huma sezzjonijiet fejn id-delegati jiddibatu fuq tibdiliet fl-istatut. Ġeneralment  jkun hemm aktar minn sezzjoni waħda ta' Prytania fl-istess ħin biex issir użu tal-ħin tajjeb. Ir-riżultati tal-voti tal-Prytania huma biss rakkomandazzjoni ghall-Agora. Hija l-Agora li finalment tapprova dawn il-proposti. Is-singular ta' Prytania huwa Prytanium.

EXAMPLE

–*What you doin' mate?*

– *Just checkin' the list of Prytania. Haven't decided yet which Prytanium I'll be attending.*





AEGEE EUROPE

By Rob & Alberto



# STRUCTURE



**‘Workshops’:**

Waqt il-Prytania jkunu għaddejjin il-‘workshops’. Dawn ikollhom temi u metodoloġiji differenti iżda dejjem dwar aspetti tal-organizzazzjoni per eżempju Ġrajjiet Ewropew kurrenti, proġetti fi ħdan Aegee etc.

**Sezzjoni ta’ Rapportaġġ ta’ attivitajiet ( Activity Report Session):**

CD jippreżenta r-rapport tal-attivitajiet waqt waħda tal-plenarja quddiem il-membri tal-Agora. F’żewġ sezzjonijiet  oħra jiġu ppreżentati rapporti tal-attivitajiet oħra li jkunu saru. L-attendenza f’dawn is-sezzjonijiet hija importanti biex tkun tista’ tikseb għarfien dwar attivitajiet li jiġu mtellgħa.

**‘Progress Meetings’:**

F’dawn is-sezzjonijiet, il-membri tal-Aegee jiddiskutu temi dwar organizzazzjoni u l-amministrazzjoni.

**Fiera Aegee:**

Din hija sezzjoni mexxejja fejn tingħata informazzjoni dwar attivitajiet u kif il-membri jistgħu jieħdu sehem fihom. Dan huwa l-aħjar mod kif  tipparteċipa b’mod attiv f’livell Ewropew.

**Study Fair:**

Universitajiet u entitajiet esterni oħra joffru  xi programmita’ korsijiet tagħhom waqt Agora. Il-membri ta’ Aegee jistgħu jiksbu tagħrif billi jżuru l-i’stands’





# MEMBERS



## Il-Membri ta' Agora

### Delegati:

Id-Delegati għandhom id-dritt tal-vot u li jitkellmu waqt is-sezzjonijiet tal-Agora. Huma jippreżentaw l-aktar l-antenna tagħhom, imma wieħed jistenna li dawn ikunu attendew 'prytanium' minflok 'workshop'

### Viżitaturi:

Il-viżitaturi m'għandhomx dritt li jitkelmu jew jivvuttaw. Għaldaqstant jekk inti viżitatur u tixtieq titkellem għandek titlob permess mingħand iċ-'Chairperson'. Tinkwetax ħafna drabi dan jingħata.

### 'Envoys':

'Envoys' għandhom dritt li jitkellmu waqt Agora iżda mhux id-dritt li jivvuttaw. Membri minn 'contact-antennae', kummissarji u membri ta' proġġetti u membri tal- Comité Directeur huma 'envoys'.

**TIP:** To have the chance of being a delegate you have to appear in the members list that your local submitted before the previous AGORA. This is the same for AGORA and EBM.







# ACTORS



## ATTURI FL-AGORA

Waqt l-AGORA, żgur se tara persuni ġejjin u sejrin waqt l–attivita. Ejja naraw min huma eżattament:

### CHAIR TEAM:

Il 'Chair team' se jkun jipresedi kemm l Agorae u l-EBM. Huma responsabli li jipreparaw l-abbozz ta' l-Aġenda ( flimkien mal COMITÉ DIRECTEUR), u jkunu kunfidenti li dan issir waqt is-sessjoni plenarja(l-użu ta' kontrol tal-ħin, ħelsien tad-diskors, etc ). Dejjem se tarahom bil-qiegħda fuq l-istage. B'kollox hemm erba' membri: il-'Chairperson', il ' Vice Chairperson', is-segretarju ta' l-Agora u l-assistant tal-IT.

### CHAIR TEAM JOB SHADOWER:

Il-'Chair Team Shadowers', huma interesati biex jsiru jafu kif jiġi organizzat attivita statutorja. Waqt l-Agora, 'shadowers' huma milqugħin fost il ' chair team', biex jkun jistaw josservaw, u jitgħalmu minn dak li nkunu qegħdin nagħmlu. Huma normalment jsiru kandidati tal 'Chair team' iżjed il-quddiem.

### JURIDICAL COMMISSION:

Dawn ikunu wkoll fuq l-istage, u jiehdu ħsieb li kull ma qiegħed jiġri waqt l-Agora, huwa konformi mal-istatutorji u l-liġi. Huma wkoll jispjegaw il-proċediment tal-votazzjoni.

### COMITÉ DIRECTEUR:

Il- CD, huwa grupp ta' membri, li jaħdmu 'full-time' għall-AEGEE. Huma jgħixu 'Brussel, u huma responsabli ta' l-organiżżazjoni, temi attwali, finanzi u aspetti rappreżentativi fi ħdan l-assoċjazzjoni. Huma jkunu bilqiegħda fl-ewwel ringiela. Waqt l-Agora, iridu mil-inqas jippreżentaw rapport ta' l-attivita, biex b'hekk nkunu nistaw naraw x'sar mill-CD fl-aħħar xhur.

### IL-BQIJA TAL-MEMBRI:

Aħna KOLLHA membri attivi fl-Agora. Toqgħodx lura milli tingħaqdu fid-diskussjoni.



AEGEE EUROPE

By Rob & Alberto



# CONTENT



## Il-kontenut tal-AGORA ( l- aġenda )

Mela issa ħa nitkellmu fuq is-sessjonijiet plenarji , li jinvolvu daqstant persuni u ħin biex jiġu preparati:

### PREZENTAZZJONI TAL 'ACTIVITY REPORT' MAĦRUĠ MILL-CD:

Kif kien diġa msemmi, il-CD iridu jispjegaw lill-AGORA, x'kienu qegħdin jagħmlu. Hemm ħin allokat għal-mistoqsijiet wkoll.

### RAPPORTI FINANZJARJI:

In-nefqa finanzjarjata' AEGEE-Europe hija kwistjoni interessanti. Il 'Financial Director' jipprezenta kemm rapport finananzjarju, kif wkoll il-budget għax-xhur li ġejjin.

### WS + PREZENTAZZJONJIET PRYTANIA:

Għalkemm WS u Prytania, jsiru f'sessjonijiet separati, aħna entitolati nkunu nafu x'se jiġri fihom, u wara li jispiċċaw, naraw wkoll x'kienu ir-rizulatati. Huma prezentazzjonijiet qosra ħafna. Membru lokali jista jsaqsi, fuq rakommandazzjoni ta' Prytanium, meta ma kienx rappreżentat waqt li sar l-avveniment. M'hemmx domandi għal WS sfortunatament.

### KANDIDATURI:

Membri li jixtiequ jsiru parti ta' xi kummisjoni, tal 'Comité Directeur, tal 'Chair Team' jew tal 'SUCT', għandhom jippreżentaw il-kanditatura tagħhom lill-Agora. Tista ssaqsi domandi wkoll hawnhekk.

### SESSJONI TA' VOTAZZJONI:

Il-proposti, kandidaturi u rapporti kollha mill- Comité Directeur għandhom jgħaddu proċess ta' votazzjoni. Qabel ma jsiru s-sessjonijiet ta' votazzjoni, il 'Juridical Commission' tispjega il-proċedimenti, allura m'hemmx għalfejn tinkwieta dwara! Wara kollox, se jkollna x naqsmu mas-sessjonijiet tal-votazzjoni iżjed il-quddiem.





# CONTENT



## FLAGSHIP PROJECT:

Il ‘Flagship Topic’, kien elett għas-sentejn li jmiss, waqt l ‘Spring Agora’. Issa wasal iż-żmien li jsir proġett minnu, u li jibda l-organizazzjoni ta’ attivatijiet u avvenimenti madwaru. Fl-aħħar mill-aħħar, aħna nixtiequ li jkollna riżulatati visibli waqt is-sentejn li jmiss!

## PJAN STRATEġIKU:

Il-pjan strateġiku 2011-2014, huwa il-pjan li jmexxi l-AEGEE waqt dawn it-tlett snin. Dan il-pjan jinkludi l-karateristici bażici u dawk l-iżjed rappreżentativi, li bihom l-AEGEE se taħdem bħala organizzazjoni waqt dan iż-żmien, u l-objettivi li jikumplimentaw l-erbgħa pilastri prinċipali. Dawnl-objettivi huma msejħa ‘Focus Areas’. Il-pjan strateġiku rrid jiġi diskuss u vvutat waqt l ‘Autumn Agora’, darba kull tlett snin.

## IL ‘CONVENTION D'ADHÉSION’:

Dan huwa moment uniku għal dawk il-membri lokali, li huma lesti jsiru membri tal-AEGEE. Wara l-iffirmar tal ‘ Convention d'Adhésion’, kuntratti jsiru ‘contact-antennae’. Huma ma jsirux antenna ufficjali, sakemm ma jorganiżaw attivita Ewropeja, wara l-iffirmar tal ‘ Convention d'Adhésion ‘. Huwa moment specjali wkoll, minħabba l-fatt li waqt li l-kuntratt jkun qed jiġi ffirmat, l-Agora tkanta kanzunetta ( li jisima Convention d'Adhésion wkoll).








By Rob & Alberto

# VOTING



## VOTAZZJONI, VOTAZZJONI, VOTAZZJONI

Hemm, mill-inqas, żewg sessjonijiet tal-votazzjoni. F'kull kaz,il 'Juridical Commission', dejjem tispjega kif issir u l-proċedimenti, u jekk hemm xi partikolaritajiet oħrajn. Hemm tlett tipi ta' votazzjoni:

### PERMEZZ TA' 'ACCLAMATION':

Jekk m'hemm l-ebda objezzjoni, l-Agora tista tirratifika deċiżjonijiet minuri, permezz ta' ċapċip. L-agenda tal-Agora, jew kull bidla li ssirila, huma ratifikati b'dan il-mod.

### PERMEZZ TA' ' ROLL-CALL':

Il 'Chairperson ' jsemmi l-antennae kollha, u huma jgħidu jekk huma favur, kontra, jew jekk nkella jastjenu. Din hija s-sistema li ntu żat f'Prytanium. F ' roll-call voting', waqt Prytanium, kull antenna jkollha vot wieħed. Waqt is-sessjoni plenarja, jekk 'roll-call' huwa wzatt, kull antenna hija entitolata Għall-amont tal voti, li jikorisspondi mal-membri li għandha.

### PERMEZZ TA' 'BALLOT':

Eżattament kif il-membri lokali jaslu fl-Agora, il ' Juridical Commision', tagħtihom pakkett, bil-voti li huma għandhom. Huwa importanti ħafna li d-delegati jiehdu ħsieb dawn il-voti, u jieħduhom fis-sessjonijiet plenarji. Inkella, huma ma jkunux jistaw jivutaw.

Huwa estremament importanti li tasal għas-sessjoijiet tal-votazzjoni bil-voti, minħabba l-fatt li ladarba il 'Chairman' jibda il-proċess, mhux permess li ħadd ma jidħol jew joħrog mis-sala.





AEGEE EUROPE

By Rob & Alberto



# REGISTRATION



## Il-Wasla, il-Paniku … u r- Reġistrazzjoni.

Meta tasal fl-Agora, jista jkollok diffikulta, minħabba l-fatt li jkun hemm ħafna affarijiet jiġru fli-istess ħin: tibda tara persuni li tkunu ilek ma tarahom żmien twil, tara post ġdid, kif ukoll trid tireġistra.

Hemm żewġ reġistrazzjonijiet li trid tagħmel kemm jista jkun malajr.

### Reġistrazzjoni ma' l-organizzaturi lokali:

Organizzaturi lokali jkunu jridu jafu li int wasalt, biex b'hekk jistaw jiehdu nota fuq il-lista tal-parteċipanti. Int se tkun mogħti karta tal-identifikazzjoni, li trid tkun fuqek ilħinkollhu.  Din hi neċessarja biex tiekol, tmur il 'gym' kif wkoll tidħol fil 'night clubs', fejn ikun hemm il-parties. Tiġi wkoll mogħti 'welcome pack' (b affarijiet fih, fosthom biros, notebooks, t-shirts, stickers etc.).

### Reġistrazzjoni ma' AEGEE-EUROPE:

Din hija l-iktar ħaġa importanti. Huwa essenzjali li ningħaqdu ma avvenimenti statutorji, biex b'hekk nkunu nistaw nibqaw noperaw bħala antenna. Din hija r-raġuni principali għalfejn trid tirreġistra kemm jista jkun malajr, hekk kif tasal fl-Agora. Waqt il-proċess ta'reġistrazzjoni, se jiġi kkonfermat li l-persuna responsabli lokalment, ħallas il-pagament tal membri b'mod proporzjonali.  Jien personalment, nippreferi jkolli konferma qabel nasal, kif wkoll nġib miegħi koppja tal-transfer. Il ' Juridical Commission' tagħtik il-voti tiegħek wkoll. Int tkun trid tgħodd in-numru ta voti!

Jekk il-membru lokali responsabli għadu ma ħallas il-pagament ( kalkulat minn numru ta' membri u l-pagament li jħallsu), int ma tieħux voti. F'dan il-każ, jkollok żewg għażliet, jew tħallas b'cash, jew issaqsi persuna mill-belt tiegħek, biex jħallasa b'użu ta' bank transfer.







By Rob & Alberto

## U HAĠA TA’ L-AHHAR (PROPJAMENT, TLETT AFFARIJIET)…

Apparti kull ma ġie msemmi f’din il-gwida qasira, int ha jkollok opportunita li tiltaqa ma’ persuni differenti minn antennae ohrajn waqt l-Agora. Tista ssib l-esperjenzi tagħhom utli, biex jintużaw fl-antenna tiegħek. Se titgħallem hafna f’dan l-avveniment kollhu, mhux biss fis-sessjoni plenarja. Għamel użu tajjeb mill-Agora.

L-informazzjoni kollha neċessarja għall-Agora (inklużi proposti diskussi, kandidaturi etc) se jkunu inklużi fil-ktejjeb ta’ l-Agora. La darba tireġistra ma’ AEGEE-Europe, int se tiġi mogħti ktejjeb.  Nirrakamonda li tieħu dan il-ktejjeb miegħek kullimkien, biex b’hekk tkun taf x’qiegħed jiġri f’kull moment. Verżjoni online se jkun publikat, mill-inqas, ġimgħatejn qabel l-Agora. Dan jfisser li jkollok ċans ttih titwila, qabel ma tasal!

Fil-ġurnata tal-wasla, jkun hemm workshops żgħar: wiehed lingwistiku ( fuq il-lingwa tal-pajjiż li jkun qiegħed jospita l-Agora) u iehor fejn kemm AEGEE u AGORA huma spjegati. Jekk intom membri ġodda, hudu vantaġġ minn dawn il-workshops, inti r-raġuni għaliex dawn qiegħdin jsiru!

Ma’ jibqa x’inżid, apparti “ narak.. x’imkien fl-Ewropa! “





